MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1074/1993/1

**Emanuel Navarro**

**vs**

**John Mary Fenech**

Il-Qorti:

Rat il-citazzjoni ppresentata mill-attur fl-10 ta' Settembru, 1993, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Fil-21 ta' Marzu, 1992 f'xi 9.40 pm waqt li l-istanti kien qed isuq il-vettura tieghu *van Bedford E-7362* go Triq Salina Maghatab dan safa involut f'incident tat-traffiku mal-vettura *E-5807* misjuqa minn John Mary Fenech.

Dan l-incident sehh meta l-konvenut invada l-karreggjata tal-istanti.

L-incident sehh tord unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u inosservanza tal-ligi.

Rizultat tal-incident l-istanti sofra diversi danni inkluz li safa permanentement dizabilitat.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti.

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas l-ammont hekk dikjarat dovut *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghax skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* tieghu ecepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda *stante* li l-incident *de quo* gara unikament htija tal-istess attur.

2. Ghalhekk it-tieni talba ghandha tkun rigetata *stante* li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi li t-tielet talba wkoll ghandha tkun respinta *stante* li l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Dicembru, 1993, li *in forza* tieghu inhatar bhala Perit Legali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara sabiex ifittex u jirrelata dwar l-ewwel

talba attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Lulju, 1996, li *in forza* tieghu inhatar bhala Perit Mediku Dottor Carmel Mallia sabiex jassisti lill-perit legali u jistabilixxi jekk l-attur ghandux debilitazzjoni permanenti bhala risultat ta' l-incident mertu ta' din il-kawza;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju, 1999, li *in forza* tieghu inhatar bhala Perit Tekniku l-perit Richard Aquilina sabiex jirredigi skizz rigward l-incident;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru, 1999, li *in forza* tieghu il-Perit Legali gie sostitwit b'Dr. Paul Gauci Maistre bl-istess inkarigu u fakultajiet;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku minnu ippresentat fis-7 ta' Frar, 2002, u mahluf fl-20 ta' Novembru, 2003;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit mediku minnu ippresentat fl-10 ta' Gunju, 2003, u mahluf fl-20 ta' Novembru, 2003;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit legali minnu ippresentat fl-10 ta' Gunju, 2003, u mahluf fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2003;

Rat it-talba tal-atur maghmula b'nota tas-26 ta' Novembru, 2003, li *in forza* taghha talbet il-hatra ta' periti perizjuri limitatament ghar-relazzjoni tal-espert mediku;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Jannar, 2004, li *in forza* tieghu gew mahtura bhala periti medici Dr. Lawrence Zrinzo, Dr. Antoine Zrinzo u Dr. Victoria Mifsud, sabiex jirrenedu ir-rapport mediku;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' April, 2004, li *in forza* tieghu gie sostitwit Dr. David Cassar ghal Dr. Lawrence Zrinzo;

Rat ir-rapport ippresentat mill-perit medici addizzjonali fid-9 ta’ Frar, 2005, u minnhom mahluf minn Dr. Mifsud fid-9 ta’ Frar, 2005, min Dr. Zrinzo fid-9 ta’ Marzu, 2005, u min Dr. Cassar fl-10 ta’ Mejju, 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta’ Marzu, 1992, fi Triq tas-Salini, limiti tal-Maghtab. L-attur kien qed isuq vettura *van Bedford* numru E-7362 fid-direzzjoni tan-Naxxar bi *speed* ta’ 25/30 m.f.s. Il-hin kien bil-lejl ghal-habta tad-9.30pm u t-triq kienet pjuttost mudlam. Kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq, bil-*headlamps dipped*, f’serbut ta’ karrozzi quddiemu u warajh. Il-konvenut kien gej mill-parti opposta tat-triq, u skond l-attur, kien gej bi *speed* qawwi, tant li fil-liwja tat-triq, tilef il-kontroll tal-karozza tieghu u baqa' diehel fil-*van* tal-attur. Mad-daqqa, l-attur jghid li l-*van* tieghu gie mdawwar, il-vettura tal-konvenut baqghet tkaxkar mal-karozza tieghu sakemm imbezqet lura meta infaqa’ t-*tyre* ta’ wara tieghu. L-attur jghid li sofra griehi kbar rizultat ta’ dan l-incident.

Il-konvenut jghid li hu kien qed isuq vettura tat-tip *Mazda* numru E-5807 gej mid-direzzjoni tan-Naxxar sejjer lejn il-Qawra. Hu wkoll kien qed isuq bil-*headlamps dipped* u kien qed isuq bi *speed* ta’ bejn it-30 u 35 m.f.s. Kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq meta, hekk kif kien se jaqbad liwja, ra dawl qawwi minn faccata ezatt go wiccu u karozza mill-faccata laqtitu fuq il-faccata tal-karozza tieghu lejn il-lemin; mad-daqqa intilef minn sensieh.

B'rizultat tal-incident, iz-zewg vetturi spiccaw bi hsarat kbar u gew dikjarati *beyond economical repair*;

Illi apparti dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti, hemm ix-xhieda okulari ta' Jesmond Agius li kien qed isuq il-vettura tieghu wara dik tal-attur u ra l-incident. Dan ikkonferma l-*speed* relattivament baxx tal-attur u li kienu qed isuqu fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Meta gew fil-liwja, ra minn faccata karrozza gejja lejhom u taqsam dijagonalment lejn in-naha taghhom tat-triq. Il-karozza tal-konvenut habtet mal-*van* tal-attur u kompliet fid-direzzjoni tax-xhud sakemm waqfet vicin tieghu. Din ix-xhieda tikkorabora l-versjoni tal-incident kif deskritta mill-attur.

Apparti din id-diskrizzjoni ta' kif sehh l-incident, il-hsarat li garbu l-karozzi involuti wkoll jaghtu indikazzjoni ta' kif sehh l-incident. Mill-okkorrenza li esebixxa u kkonferma s-surgent tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni, jirrizulta li l-*van* tal-attur garrab hsara fuq il-parti tal-genb kollu in-naha tal-lemin, inkluz il-parti t'isfel, waqt li l-karozza tal-konvenut ghandha hsara quddiem kollu, inkluz il-magna, u diversi partijiet ohra. Bil-hsara fuq il-*van* tal-attur mal-genb lemini kollu, jikkonferma dak li xehed l-attur li l-kollizzjoni sehhet meta l-vettura l-ohra giet ghal-fuqu u haditlu l-genb lemini kollu. Mill-*sketch* tal-incident jidher ukoll li l-attur kien fuq in-naha tieghu u bil-habta il-vettura tieghu giet imbuttata aktar 'l gewwa wara li ntlaqtet bil-parti l-aktar soda tal-vettura tal-konvenut. Il-Qorti tifhem illi kieku kien l-attur li qasam il-linja immaginarja u kien hu li habat mal-karozza tal-konvenut, il-posizzjoni u n-natura tal-hsarat fuq il-vetturi kienet tkun kompletament differenti.

Is-surgent li investiga l-kaz ma setax jiddetermina l-*ispot of impact*, u dan ghaliex, kif xehed, tant kien hemm debris u zjut mal-art li ma kienx possibbli ghalih li jistabilixxi dan. Il-konvenut ma qabilx mal-*isketch* li hejja s-surgent u, minhabba f'hekk, gie nominat perit tekniku biex, fuq il-kejl li ha s-Surgent, jippjanta b'mod aktar preciz il-karozzi *in relazzjoni* mat-triq. Il-pjanta li hejja l-perit tekniku, l-AIC Richard Aquilina, ma hi, *pero'*, ta' ebda komfort ghall-konvenut, ghax tindika b'aktar mod car l-*van* tal-attur fuq in-naha tieghu tat-triq, imbutat aktar 'l gewwa, u l-karozza

tal-attur pjuttost lejn in-nofs tal-parti karreggjabbli tat-triq. *Inoltre*, il-liwja fit-triq kienet lejn ix-xellug tal-konvenut, b'mod li, min ikun qed jimmanuvra dik il-liwja, il-propensita' hija li min ikun gej min fejn kien gej il-konvenut, jersaq aktar lejn in-nofs tat-triq, waqt li min ikun gej min fejn kien gej l-attur, jekk jiehu l-*bend* bi *speed*, ir-rizultat ma jkunx li jinvadi l-karreggjati l-ohra, izda li jispicca fl-*area* imharbta tal-wesgha.  Fi kliem iehor, kien il-konvenut, mhux l-attur, li kien qed jimmanuvra l-linja bi propensita' li jinvadi l-parti l-ohra tat-triq, specjalment meta tqies li kif jixhed l-attur, karroborat max-xhud Jesmond Agius, il-konvenut kien qed isuq bi *speed* qawwi.

L-entita' kbira tal-hsara tikkonferma wkoll l-*speed* qawwi li bih kien ghaddej il-konvenut.  Interessanti, li l-konvenut, f'ebda stadju, ma jallega li l-attur kien qed isuq bi *speed* qawwi, u minhabba n-natura tal-hsara, zgur mhux verosimili li anke l-konvenut kien qed isuq bi *speed* baxx.

Il-Qorti taqbel max-xhud indipendenti Jesmond Agius meta qal li kien il-konvenut li qasam il-linja medjana u habat mal-vettura ta' l-attur b'tant sahha li dawwar il-*van* misjuq mill-attur u dan spicca fil-pozizzjoni kif indikat fl-*isketch*.  Dan il-fatt jirrizulta wkoll mill-pozizzjoni ta' kif spiccat il-karozza tal-konvenut.  Id-daqqa li sofriet il-karozza tal-konvenut kienet fuq quddiem u l-magna u diversi partijiet ohra.  Din *pero'* spiccat minn naha ta' wara fuq ix-xellug, tlett metri 'l barra mill-hajt tat-triq, u minn naha ta' quddiem ukoll fuq ix-xellug zewg metri 'l barra mill-istess hajt.  Dan il-fatt jindika bl-aktar mod car illi l-konvenut fil-mument tal-habta, jew *ossia "in the agony of the collision"*, kien qabez sew il-linja medjana immaginarja u b'hekk invada sew l-karreggjata ta' l-attur.  Il-*van* ta' l-attur spicca fil-parti l-kbira tieghu f'pozizzjoni angolata barra mir-*road surface* li normalment tintuza mit-traffiku.

Il-lokalita' fejn sehh l-incident jitlob sewqan aktar prudenti u *speed* relattivament baxx; il-vettura ghandha tkun dejjem taht il-kontroll tas-sewwieq, u vicin liwja, kull *driver* ghandu jnaqqas l-*speed* u jbaxxi l-*gear* tal-karozza, biex din tkun aktar kontrollabbli; ma rrizultax li l-konvenut adopera dawn il-mizuri.

Ghalhekk, il-Qorti tikkondividi l-opinjoni tal-perit legali li kien il-konvenut li qabad il-liwja bi *speed* eccessiv u din kienet il-kawza prossima tal-incident u, ghalhekk, jirrizulta li dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mhux kontestat illi l-vettura tal-attur tant sofriet hsara illi giet dikjarata *"bejond economical repair"*. Jirrizulta wkoll li l-*pre-accident value* ta' dik il-vettura kien ta' Lm1,500. Ghalkemm ma giex indikat kemm hu l-*wreck value* tal-karozza, il-perit legali ghamel stima ta' din *arbitrio boni viri* f'ammont ta' Lm250. Il-Qorti tadotta din l-istima u, *kwindi*, l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1,250 ghall-hsara li garrab fil-vettura tieghu.

L-attur qieghed jippretendi wkoll danni ghat-telf ta' paga peress illi wara l-incident ma setghax jattendi ghax-xoghol li kien ghadu kif beda. L-attur jghid li beda l-impieg tieghu fis-7 ta' Marzu, 1992, u l-incident sehh tlett gimghat wara; kien taht *probation* u tilef l-impieg tieghu. Jghid li fil-5 ta' Mejju, 1992, hu rega gie impjegat bhala kok, izda bejn is-7 ta' Marzu, 1992, u l-5 ta' Mejju, 1992, ma rcieva ebda salarju. Mid-dokumenti esebiti, l-attur indika li tilef paga fl-ammont ta' Lm626.30.

L-attur qed jippretendi wkoll danni ghall-ispejjez li kellu jaghmel biex hallas ghan-nuccali, ghar-*road accident report*, spejjez ta' tobba u medicini ohra. *In sostenn* ta' dan, huwa pproduca kopja ta' ricevuti li b'kollox jammontaw ghal Lm236.40. Dawn l-ispejjez huma regonevoli u ghandhom jithalsu lill-attur.

B'hekk l-ammont kollu dovut lill-attur bhala *damnum emergens* huwa ta' Lm2,112.70.

L-attur qed jitlob ukoll kumpens bhala *lucrum cessans*. L-attur kellu 41 sena meta sehh l-incident u kien jahdem bhala kok ma' Frosche Touristik (Malta) Ltd, u kellu dhul ta' Lm6,300 fis-sena. L-impieg tieghu gie terminat wara l-incident fuq parir mediku. Hu kien jahdem ukoll *part'time* fil-Flora Hotel u kellu dhul ta' Lm30 fil-gimgha. Hu gie

certifikat mill-periti perizjuri li jsofri minn 7% *permanent dizability*.

Dwar il-*multiplier*, din il-Qorti, wara li qieset il-gurisprudenza ricenti fir-rigward (ara, per ezempju, “Caruana vs Camilleri”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Frar, 2004), u c-*“chances and changes of life”*, sejra tadotta figura ta’ 14.

Dwar id-dhul tal-attur, dan jidher li kien bniedem efficjenti fix-xoghol u kien kapaci javvanza fil-karriera tieghu. Mehud *in konsiderazzjoni* li t-tendenza hi li s-salarji jizdiedu maz-zmien, u biex taghmel tajjeb ghaz-zieda fir-rata tal-inflazzjoni u ghal-avvanz fil-karriera, izda wara li hadet *in konsiderazzjoni* wkoll li, maz-zmien u l-eta’, xoghol *part-time* jibda’ jonqos, il-Qorti, tqies li ghandha timxi fuq dhul annwali ta’ Lm7,000. Minn din is-somma m’ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa (ara “Muscat vs Schembri”, decisa minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-kontribuzzjonijiet ghas-sigurta’ nazzjonali (ara “Caruana vs Farrugia”, decisa minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 1983).

Dwar il-percentagg ta’ dizabilita’, fil-waqt li l-ewwel perit mediku irrelata li l-attur mhux mistenni li jibqa’ jsofri minn dizabilita’ permanenti, it-tlett tobba addizzjonali qiesu li l-attur, fil-fatt, se jibqa’ jbati b’dizabilita’ permanenti ta’ 7%. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Degiorgio vs Da Crima”, decisa fit-28 ta’ Jannar, 2004, *“dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta’ inkapacita’ f’sens purament mediku, izda l-effetti illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat”*. Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti tal-kawza, u hadet *idea* tal-personalita’ tal-attur, taqbel mal-perit addizzjonali li dan l-incident kellu effett serju fuq l-istat d-*animo* tieghu, u taqbel li l-potenzjal tieghu ghal-hajja lavorattiva giet menomata b’konsegwenza tal-incident. *Kwindi*, sejra tadotta l-percentagg ta’ 7% issugerit mill-periti addizzjonali.

Ghaldaqstant, bhala *lucrum cessans*, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk:

Lm7,000 x 14 x 7% = Lm6,860

Ghar-rigward tal-*lump sum deduction*, il-Qorti tqies li l-incident sehh fl-1992, u meta jkun hekk, kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Turner vs Agius”, decisa fit-28 ta’ Novembru, 2003, *“dan it-trapass hu tant twil li ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta’ tnaqqis ghal-fini ta’ lump sum payment”*. Il-Qorti, ghalhekk, tqies li, f’dan il-kaz ukoll m’ghandu jkun hemm ebda tnaqqis.

*Kwindi*, l-kumpens dovut lill-attur huwa ta’ Lm2,112.70 *damnun emergens* u Lm6,860 *lucrum cessans*, ghal-total ta’ Lm8,972.70.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba tal-attur, u wara li issib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta’ Marzu, 1992, li fih sofra danni l-istess attur, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *in linea* ta’ danni s-somma ta’ Lm8,972.70 (tmien t’elef, disa’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------